**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**IMHALLEF**

**ONOR. TONIO MALLIA LL.D.**

**Illum, il-Hamis, 11 ta' Lulju, 2002**

**Citazzjoni Numru: 645/81TM**

**Numru:**

**Paul Camilleri**

**Vs**

**Silvio Mifsud u Adrian Mifsud bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tad-Ditta "S. Mifsud & Sons Ltd", u dawn bhala agenti lokali tad-ditta estera "Tirrenia Navigazioni" ta' Napoli, Italia u din bhala proprietarji tal-vapur "Malta Express" u in rapprezentanza tal-istess, u b'digriet tal-4 ta'**

**Ottubru, 1982, il-kumpanija "Formosa & Micallef Construction Co. Ltd", u b'digriet tal-Qorti tal-11 ta' Frar, 1983, Carmelo Formosa u Nicholas Formosa bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija "Formosa & Micallef Construction Co. Ltd" gia kjamati fil-kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni presentata fid-19 ta' Gunju, 1981 fejn l-attur ipremetta illi fit-13 ta' Marzu, 1981, waslet f'Malta fuq il-vapur "Malta Express" merkanzija destinata lill-attur u proprjeta' tieghu, konsistenti fi *crane*, kwantita' ta' magni u *spare parts* "*second hand*" u kwantita' ta' *tyres* "*second hand*".

Ipremetta illi fuq il-fattura relativa, fattura numru 21 datata 12 ta' Marzu, 1981 (Dok 'X') oltre l-effetti fuq indikanti giet indikata ukoll mid-ditta estera konvenuta *Tirrenia Navigazioni* l-esistenza ta' *truck mixer* li in realta' la kien destinat lil u lanqas huwa proprjeta ta' l-attur.

Ipremetta illi fit-23 ta' Marzu, 1981, l-attur gie kostrett ihallas lid-Ditta konvenuta s-somma komplessiva ta' LM1,080.32,8 (Dok 'Y') bhala *freight* u *landing charges*, sabiex seta' jiehu konsenja tal-effetti lilu destinati u proprjeta' tieghu.

Ipremetta illi tali ammont ta' LM1,080.32,8 pero', in realta' kien jinkludi ukoll il-hlas tal-*freight* u *landing charges* relativi ghat-*truck mixer* li la kien destinat lil u lanqas huwa proprjeta' tal-attur.

Ipremetta illi fl-imsemmi pagament totali ta' LM1,080.32,8 kien hemm hlas ta' indebitu mill-attur lill-konvenut nomine fl-ammont li jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Talbu ghalhekk il-konvenuti nomine ghaliex ghar-ragunijiet fuq premessi:

1. M'ghandux jigi dikjarat u deciz minn din il-Qorti i lli l-pagament maghmul mill-attur lilhom fl-ammont ta'

LM1,080.32,8 fit-23 ta' Marzu, 1981, jinkludi fih hlas ta' indebitu mill-istess attur lill-konvenuti nomine, relativ tali indebitu ghall-*freight* u *landing charges* imhallsa ghat-*truck mixer*, erronjament inkluz fil-fattura numru 21 tat-12 ta' Marzu, 1981, liema *truck mixer* in realta' la kien destinat lil u lanqas huwa proprjeta' ta' l-attur;

2. M'ghandux l-ammont ta' tali indebitu jigi likwidat minn din il-Qorti, *occorendo* permezz ta' periti nominandi;

3. M'ghandhomx il-konvenuti nomine jigu ikkundannati min din il-Qorti jirrifondu lill-attur l-istess indebitu minnhom hekk inkassat, fl-ammont li jigi determinat *in forza* tat-tieni domanda ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati rispettivament 2 ta' April, 1981, u 2 ta' Gunju, 1981, kontra l-konvenuti nomine, ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn jeccepixxu u bil-gurament ikkonfermaw:

1. Illi mhux minnu illi fil-fattura (Dok 'X') gie indikat mid-Ditta konvenuta l-ezistenza ta' *truck mixer* li mhux proprjeta' ta' l-attur stante li l-istess fattura attwalment giet kompilata minn rapprezentant ta' l-attur stess u ghalhekk il-konvenuti hadmu il-*freight* abbazi ta' dak hekk dikjarat, u sa fejn jafu huma tnizzel il-*Lorry* kontenenti dak li suppost gie dikjarat li tnizzel.

2. Ghal dawn ir-ragunijiet it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti nomine fejn jeccepixxu:

> Illi skond kif jirrizulta mill-*Bill of Landing* stess u minn dokumenti ohrajn, il-merkanzija tal-attur kienet indikata fil-Polza tal-Karigu minn certu Raimondo Barbieri li kien ir-rapprezentant tal-attur stess u ghalhekk kwalsiasi azzjoni li ghandu l-attur, jekk huwa il-kaz, hija kontra l-ispedizzjonier tieghu stess. L-esponenti m'ghandux alternattiva hlief li jitlob u jesigi in-noll lilu dovut skond il-Polza tal-Karigu.
>
> Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Ottubru, 1982, li *in forza* tieghu ordnat il-kjamata in kawza tal-kumpanija Formosa & Micallef Construction Company Limited;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza Carmelo Formosa fejn eccepixxa:

1. Illi preliminarjament il-kjamata in kawza saret hazin u l-konsegwenti notifika hija nulla peress illi fic-citazzjoni ma jidher ebda isem ta' Direttur jew Diretturi li jirraprezentaw lis-socjeta' kjamata in kawza.

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-premess il-kjamati in kawza ghandhom jigu liberati mill-osservazzjonijiet tal-gudizzju peress li la ghandhom u lanqas qatt kellhom ebda rapport guridiku mal-attur.

3. Illi inoltre u wkoll bla pregudizzju ghall-premess is-socjeta' kjamata in kawza hallset lid-Ditta konvenuta l-ammont kollu minnha dovut bhala *freight* u *landing charges* ghall-ingenji destinati lilha skond il-fattura relattiva, fattura

numru 20 datata 12 ta' Marzu 1981, (Dok 'A'), liema ingenji waslu Malta fuq il-vapur in kwistjoni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat li l-ewwel eccezzjoni ta' l-imsemmija kjamata fil-kawza giet irtirata fis-seduta tal-11 ta' Frar, 1983;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-4 ta' Dicembru, 1985, li *in forza* tieghu gie mahtur bhala Assistant Gudizzjarju, l-Avukat (illum Imhallef) Patrick Vella;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Novembru, 1986, li *in forza* tieghu, billi l-Assistant Gudizzjarju Dr Patrick Vella sar Magistrat, il-Qorti issostitwiet ghalih l-Assistant Gudizzjarju allura attwali, Dr Anthony Degaetano;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 1988, li *in forza* tieghu l-Assistant Gudizzjarju Dr Anthony Degaetano gie sostitwit b'Dr Paul Caruana Curran;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Marzu, 1992, li bih irrevokat l-inkarigu li kien inghata lill-Assistant Gudizzjarju;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-14 ta' Dicembru, 1992, li *in forza* tieghu s-socjeta' kjamata fil-kawza giet awtorrizzata tressaq Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-kjamati in kawza fejn jeccepixxu:

1. Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia minnhom sollevati u pprezentati fi Frar 1982 (a fol 20 tal-process) kull azzjoni dwar hlas ta' noll hija preskritta wara t-terminu perentorju ta' sena mid-data meta jispicca l-vjagg *ai*

> *termini* tal-artikolu 544A tal-Kap. 13. Jigi rilevat li l-azzjoni attrici m'hijiex dik ta' noll u l-kjamati in kawza qatt sal-lum ma gew interpellati biex ihallsu xi noll lanqas permezz ta' atti gudizzjarji u ghalhekk tapplika wkoll il-preskrizzjoni premessa.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-20 ta' April, 1993, li biha iddecidiet billi, fil-waqt li rrespingiet l-eccezzjonijiet tal-kjamat in kawza u t-talbiet tal-attur fil-konfront biss tal-konvenuti nomine, u fil-waqt ukoll li specifikament tirrigetta l-eccezzjoni ulterjuri tal-istess kjamat in kawza dwar il-preskrizzjoni li ma tirrizultax fondata, tilqa' l-ewwel u t-tielet talbiet attrici kif dedotti fil-konfront biss tal-kjamat in kawza u, billi t-tieni talba ghadha fi stadju li ghad trid tigi determinata ghall-fini ta' likwidazzjoni tat ghaxart (10) ijiem zmien

lill-attur biex jipprezenta prospett dettaljat indikanti bl-ezatt kemm gie li hallas in eccess min-naha tieghu – b'rizerva ta' provi ulterjuri lill-kjamat in kawza dwar din it-tieni talba dwar il-*freight* u *landing charges* u fin-nuqqas tiddeciedi bhalli kieku ma ngibux provi; il-kap tal-ispejjez dwar it-talbiet decizi jithallsu mill-kjamat in kawza; dawk, pero', relattivi ghall-konvenut nomine jithallsu mill-attur;

Rat l-appell interpost mis-socjeta' kjamata fil-kawza;

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-8 ta' Mejju, li *in forza* taghha cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata; l-ispejjez tal-*prima istanza* jibqghu kif gia' minn din il-Qorti decizi u dawk ta' l-appell ikunu a karigu tas-socjeta appellanti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza l-attur importa merkanzija mill-esteru li wasslet Malta fuq il-vapur "Malta Express", izda, bi zball, fuq il-polza ta' karigu, id-ditta estera inkludiet mal-merkanzija destinata lill-attur, merkanzija destinata lis-socjeta' kjamata fil-kawza. *A bazi* ta' din il-polza, is-socjeta' konvenuta talbet hlas tal-*freight* u *landing charges* minghand l-attur. L-attur, peress li ra li l-polza ta' karigu kienet fuq ismu, hallas is-somma kollha mitluba. Wara rrealizza li parti mill-merkanzija indikata fuq il-polza ta' karigu ma kienetx destinata lilu, izda lis-socjeta' kjamata fil-kawza li, fil-fatt, irtirat il-merkanzija in kwistjoni. L-attur, ghalhekk, qed jitlob li jigi rifus lilu s-somma li hallas zejda, rapprezentanti l-*freight* u *landing charges* riferibbli ghall-merkanzija destinata lis-socjeta' kjamata in kawza.

Bid-decizjoni taghha tat-8 ta' Mejju, 2001, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeterminat ir-responsabbilita' ghar-rifusjoni tal-hlas zejjed, u fil-waqt li lliberat lis-socjeta' konvenuta minn kull responsabbilita', iddecidiet li l-hlas kellu jsir mis-socjeta' kjamata fil-kawza.

Dak li fadal, ghalhekk, li jigi deciz f'din il-kawza huwa l-ammont li s-socjeta' kjamata fil-kawza ghandha tirrifondi lill-attur.

Mill-provi mismugha minn din il-Qorti, jirrizulta li l-attur hallas LM1,080.32 fi freight, meta suppost kellu jhallas LM450. B'hekk l-attur qed jirreklama li ghandu jiehu lura s-somma ta' LM630.32.

*A bazi* ta' din ix-xhieda mhux kontradetta, l-ammont li ghandu jigi likwidat a bazi tat-tieni talba, hija s-somma ta' LM630.32.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, fil-waqt li taghmal referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fejn gew milqugha l-ewwel u t-tielet

talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tas-socjeta' kjamata in kawza, ghal fini tat-tieni talba, tillikwida l-ammont ta' l-indebitu fis-somma ta' LM630.32 (sitt mija u tletin lira Maltin u tnejn u tlettin centezmu), u tikkundanna lis-socjeta' kjamata in kawza thallas din is-somma hekk likwidata lill-attur.

L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk gia' decizi, jithallsu mis-socjeta' kjamata fil-kawza.

IMHALLEF

D/REG